# San Ġorġ Preca u Ħal Balzan

Carmel Bezzina

Il-ġrajjiet li għaddejna minnhom is-sena li għaddiet żgur li għadhom immarkati fil-moħħ u fil-qalb tagħna lkoll, kemm ta' dawk fostna li nhar it-3 ta' Ġunju 2007 konna preżenti fi Pjazza San Pietru għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca, kif ukoll ta' l-eluf l-oħra li segwew din l-okkażjoni unika permezz tat-televiżjoni. Din il-ġrajja, li seħħet fis-sena meta s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) kienet qiegħda tfakkar għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha, ma jistax jonqos li ġabet memorji differenti lil ħafna nies: uħud irrakkontaw li ltaqgħu ma' Dun Ġorġ jew li qerrew għandu, oħrajn li fittxewh għal parir u serrħilhom qalbhom, oħrajn li semgħuh jitkellem waqt xi sajda jew li tahom xi ħelwa mbierka meta kienu għadhom imorru l-Museum.

## Dun Ġorġ u l-bidu tal-Museum f'Ħal Balzan

Ħal Balzan ukoll għandu t-tifkiriet tiegħu x'jirrakkonta ta' dan il-bniedem ta' Alla. Għalkemm dawn it-tifkiriet fil-qofol tagħhom huma marbutin mal-ġrajja ta' l-oqsma tal-Museum f'din il-parroċċa, niltaqgħu ma' episodju li seħħ qabel. Jingħad li fl-1921 Dun Ġorġ Preca inzerta għaddej minn Ħal Balzan. Wieħed żagħżugħ jismu Spiru Sammut, li kien qed jagħmel xi lavur fuq il-bejt, kif lemaħ lil Dun Ġorġ sejjaħlu u talbu jbierku. Dun Ġorġ qallu jinżel ħa jkellmu. "Int ma tmurx il-Museum?" staqsieh. Spiru wieġbu: "Ħal Balzan m'għandniex Museum." Dun Ġorġ ħajru biex jibda jmur H'Attard u jieħu miegħu wkoll lil sħabu. Iż-żagħżugħ hekk għamel, u baqa' jmur H'Attard sakemm infetaħ il-Museum Ħal Balzan.[1]

Il-Fundatur tas-Soċjetà kellu sehem importanti fil-ġrajja tat-twaqqif tal-Museum f'Ħal Balzan. Dan ħareġ ċar meta, fis-snin 70, kont qed niġbor it-tagħrif kollu li stajt biex indomm l-istorja tal-Museum tas-subien fil-parroċċa tagħna.[2] Għall-bidu kien ġie Ħal Balzan Dun Ġorġ flimkien ma' l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà, Ewġenju Borg. Huma laqqgħu t-tfal fit-triq ta' wara l-knisja, fejn illum hemm Triq l-Annunzjata, u meta raw li kien hemm art tajba, Dun Ġorġ ordna li jitwaqqaf il-qasam. Dan kien x'aktarx għall-bidu ta' l-1923, fi żmien il-kappillan Dun Amabile Sisner. Bħala lokal inkriet id-dar li qiegħda fil-kantuniera n-naħa tal-lemin tal-knisja parrokkjali, u bħala l-ewwel superjur inħatar Ġużeppi Galea minn Birkirkara.[3]



*Din id-dar – illum Nru 2, Triq l-Annunzjata, kantuniera ma' Triq Dun Spir Sammut – kienet l-ewwel qasam tal-Museum tas-subien f'Ħal Balzan.*

Kien hemm drabi oħra meta Dun Ġorġ żar il-Museum tas-subien f'Ħal Balzan, għalkemm mhux iż-żjajjar kollha huma dokumentati bil-kitba. Dun Spir kien qalli li l-qasam ta' Ħal Balzan kien wieħed mill-oqsma li l-Fundatur kien iħobb iżur.[4] Fiż-żmien li kien superjur Spiru Sammut innifsu, bejn is-snin 1929 u 1938, Dun Ġorġ kien żar il-qasam u għamel lezzjoni f'waħda mis-sajdat li kienu saru. Dak iż-żmien is-sajdat kienu jsiru fil-qasam stess, li kien ikun mimli daqs bajda bin-nies. F'sajda minnhom, jirrakkonta Dun Spir, tant kienu marru nies li saħansitra l-kappillan, Dun Franġisk Saverju Zahra, baqa' mistagħġeb. Għad-dawl tal-lampi tal-pitrolju, in-nies kienu jimlew kull rokna tal-qasam, fuq u isfel, u l-kelliem kien joqgħod fil-bieb bejn iż-żewġ kmamar ewlenin biex żgur jinstama' minn kulħadd.

Ħolqa oħra li torbot 'il Dun Ġorġ mal-Museum ta' Ħal Balzan hija l-istatwa simpatika ta' San Lawrenz li sal-lum għadna naraw fil-qasam. Lil dan il-qaddis martri l-Fundatur għażlu l-protettur tat-tfal subien imsejħin Magħżulin u Aspiranti, jiġifieri dawk ta' bejn it-12 u s-16-il sena. Din l-istatwa saret fi żmien is-superjur Spiru Sammut. Qabel ordna din l-istatwa, is-superjur tkellem ma' Dun Ġorġ u fissirlu l-ħsieb tiegħu. L-idea għoġbitu ħafna 'l-Fundatur u lis-superjur qallu kif xtaqu jagħmilha: San Lawrenz liebes ta' djaknu, bil-gradilja f'idu, qiegħed iħaddan tfajjel Magħżul bil-kalzetti twal suwed sa taħt irkubbtejh, kif kienet titlob ir-regola dak iż-żmien. L-istatwa saret Lecce, l-Italja, u swiet madwar lira u nofs.[5]

## Dun Ġorġ u l-Museum tal-bniet f'Ħal Balzan

Il-Museum tal-bniet fil-parroċċa għandu wkoll l-esperjenzi tiegħu tal-Fundatur. Il-qasam tal-bniet f'Ħal Balzan infetaħ, bejn wieħed u ieħor, fl-1930/1931 mix-xebba Duminka Fenech li kienet insistiet ħafna għall-ftuħ tiegħu. Dan kien fi żmien il-kappillan Zahra. Duminka ġa kienet tgħallem id-duttrina l-knisja. Fil-bidu Dun Ġorġ kien imur għandha u kien jagħmel il-lezzjonijiet għandha. L-ewwel superjura tal-qasam kienet is-soċja Ġużeppina Calleja minn Birkirkara, u l-ewwel dar kienet fi Triq Santa Marija. Jingħad ukoll li Dun Ġorġ baqa' jmur spiss f'dan il-qasam biex ikellem lil Duminka u wara kien jagħmel il-lezzjoni, li ġieli saret fuq il-bejt.[6]

Is-soċji tal-bidu jirrakkontaw li darba, waqt waħda mil-lezzjonijiet, kellhom bżonn id-dawl fil-kamra. Dun Ġorġ qabad lampa b'żewġ ftejjel, u biex idendilha mal-ħajt ħa labra tar-ras, daħħalha fil-bieb, u dendel il-lampa magħha. Malli raw li l-labra ma ċedietx u l-lampa żammet, qamet għagħa fil-kamra u Dun Ġorġ, bis-sempliċità tipika tiegħu, qalilhom: "Ara ma tonqsux mill-fidi!" Ġrajja oħra



*Dun Ġorġ Preca (1880-1962), il-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Dan huwa r-ritratt uffiċjali mħejji għall-kanonizzazzjoni.*

tirrakkontaha s-soċja Annunzjata Sammut, illum mejta.[7] Dak iż-żmien Lonza kienet għadha tifla. Darba, wara l-lezzjoni fuq il-bejt, waqt li Dun Ġorġ kien qed jitkellem mas-soċji u t-tfal, huwa poġġa l-pala ta' idu quddiem il-lampa. Lonza baqgħet impressjonata meta f'nofs id Dun Ġorġ deher id-dawl minn naħa għal oħra ta' idu.[8]

## Fi żmien il-gwerra

Meta faqqgħet il-gwerra f'Ġunju 1940, il-ġrajja tal-Museum f'Ħal Balzan daħlet f'fażi ġdida. Ħal Balzan kien wieħed mill-irħula l-aktar imfittxa min-nies tal-Kottonera u l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir li ġew isibu l-kenn fl-irħula tal-kampanja.[9] Bħal ħafna djar oħra f'Ħal Balzan, l-oqsma mtlew bir-refuġjati u l-membri kellhom ifittxu band'oħra. Is-soċju Balzani Franġisku Vassallo, magħruf b'ta' Mudest, offrielhom li jiltaqgħu għandu f'żewġ kmamar li huwa kellu fi Sqaq Numru 1 fit-Triq il-Kbira, quddiem il-Madonna tar-Rummiena. Hemmhekk Frenċ kien jaħdem ta' mastrudaxxa matul il-ġurnata u fil-għaxija kien iħejji l-post ħalli jinġabru hu u sħabu s-soċji rġiel sabiex jgħallmu d-duttrina u flimkien jagħmlu l-laqgħa tagħhom, imsejħa 'assenjatur'. Il-kappillan Zahra ma naqasx li jagħti s-sehem tiegħu wkoll billi lis-soċji offrielhom li jiltaqgħu fil-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata. L-istess xorti messet lis-soċji nisa. Iż-żewġ soċji Balzanin Lonza Sammut u Karmena Zarb kienu jinżlu jgħallmu d-duttrina lit-tfal fix-xelter.

Hekk kif intemmet il-gwerra, il-membri malajr ħasbu sabiex jiksbu post imdaqqas u jgħammruh bħala dar għat-tagħlim nisrani. Il-kappillan offrielhom b'kera dar, proprjetà tal-knisja, fi Triq it-Tliet Knejjes. Għalkemm il-post ma kienx kbir, għoġobhom. Dan il-lokal, bi ġnien miegħu, għadda uffiċjalment f'idejn is-Soċjetà nhar il-21 ta' Jannar 1945. Huwa dan l-istess lokal li għadu jservi ta' qasam Museumin għat-tfal subien sal-ġurnata tal-lum. Dan il-lokal ukoll gawda l-preżenza ħajja tal-Fundatur u sama' l-kelma mħeġġa tiegħu. San Ġorġ Preca żar dan il-qasam nhar it-13 ta' Novembru 1947 u nhar is-16 ta' Awissu 1948. Fiż-żewġ okkażjonijiet huwa ġabar it-tfal fuq il-bejt – ħaġa li kien iħobb jagħmilha ħafna – u għamlilhom lezzjoni.[10]

## Stejjer dwar Dun Ġorġ f'Ħal Balzan

Kien f'waħda minn dawn l-okkażjonijiet li s-soċju Carmel Parascandalo ra l-ewwel darba lil Dun Ġorġ. Dak iż-żmien Parascandalo kellu madwar 11-il sena, u kien fil-klassi msejħa Preparatorja. Ta' tifel li kien, Parascandalo baqa' impressjonat b'dak li ġara. "Dak in-nhar, billi kienet is-sħana, tlajna fuq il-bejt biex Dun Ġorġ jagħmlilna l-lezzjoni hemmhekk. Ftit wara li beda jkellimna," jirrakkonta, "xi baqar li kien hemm ftit 'il bogħod mill-qasam bdew jgħajtu, u aħna ta' tfal li konna bdejna nidħqu. Dak il-ħin Dun Ġorġ qalilna li dan kollu qed jagħmlu x-xitan biex itellifna l-lezzjoni, u wara ftit dawn waqfu."[11]

Episodju simili jirrakkontah Ġorġ Borg. Meta Ġorġ kien għadu fil-klassi Preparatorja jiftakar lil xi kandidati u soċji jsemmu li darba waħda, waqt laqgħa li Dun Ġorġ kien għamlilhom fuq il-bejt tal-qasam, "xi ħadd fit-triq kien weħillu l-horn tal-karozza u baqa' jdoqq. It-tfal bdew jidħqu. Dun Ġorġ qalilhom: 'Ara kif se jieqaf dan il-ħoss.' Hareġ il-kuruna tar-Rużarju u kif qegħidha quddiemhom il-ħoss waqaf fil-pront." Ġorġ Borg jiftakar ukoll li għall-ħabta tas-sena 1952, meta kellu sitt snin, Dun Ġorġ kien ġie fil-qasam ta' Ħal Balzan u għamel lezzjoni lit-tfal kollha fil-bitħa tal-qasam.[12]

Meta Dun Ġorġ kien ikun f'xi belt jew raħal, ħafna kienu l-ommijiet li kienu jersqu bit-trabi tagħhom sabiex Dun Ġorġ iberikhom. Kien hemm drabi meta lil xi ommijiet huwa ħabbrilhom xi ħaġa dwar uliedhom. Waħda minn dawn l-ommijiet kienet Yvonne Grech minn Ħal Balzan li marret tisma' lil Dun Ġorġ jitkellem waqt sajda li kienet qed issir fil-parroċċa. Dan kien x'aktarx lejn l-aħħar tas-snin 40. Wara li spiċċat il-laqgħa, Yvonne marret b'binha Joseph għadu tarbija u talbet lil Dun Ġorġ iberkilha t-tifel. Huwa mhux biss bierku bil-qalb, iżda qalilha: "Dan it-tifel għad isir saċerdot." Joseph Grech meta kiber sar qassis u mbagħad ukoll isqof fl-Awstralja, fejn għadu sal-lum jaqdi l-Knisja f'dak il-kontinent kbir.[13]



Int li qed taqra la tibkix il-mewt ta' dan il-ħelu tfajjel:

**LOUIS GRECH**

iżda xtieq il-mewta qaddisa tiegħu, li ġrat fit-3 ta' April 1954, fl-età ta' 12-il sena, l-Ewwel Sibt tax-Xahar u fis-Sena Marjana, wara li ġie msoqqi dejjem bit-tagħlim bnin tal-Mużew, bħala ġilju l-aktar ifuħ ġibed l-attenzjoni ta' Ġesù u Marija li ħasduh minn dan il-wied tad-dmugħ biex iżejjen it-tron t'Alla fis-Sema.

**R. I. P.**

**Ġesù, Ġużeppi, Marija.**

*Is-santa tal-mewt tat-tfajjel Louis Grech, wieħed mit-tfal Magħżulin fil-Museum ta' Ħal Balzan. (Ħajr lill-aħwa Grech, il-kuġini ta' Louis)*

Aneddotu ħelu u konsolanti ieħor marbut mal-Fundatur jirrigwarda wieħed mill-Magħżulin tal-qasam. Dan kien Louis Grech, tifel ferrieħi u fuq ruħu, maħbub ħafna minn sħabu. Louis kellu marda serja u kellhom jeħduh l-isptar. Marru jarawh ħafna membri tal-Museum, kbar u żgħar, u Dun Ġorġ li darba inzerta l-isptar mar jarah ukoll. Nhar is-Sibt, it-3 ta' April 1954, Louis Grech miet fl-isptar San Luqa.[14] Il-funeral tiegħu sar mill-isptar għal quddiem il-Museum, fejn kien hemm miġbura t-tfal kollha tar-raħal flimkien ma' xi membri mill-oqsma ta' Ħal Lija, Birkirkara u Tas-Sliema, li mbagħad, wara l-quddiesa, akkumpanjawh sad-difna. Dun Ġorġ kien mgħarraf bil-mewt ta' dan it-tfajjel fl-aħjar tiegħu u qal lil Victor Delicata, li kien is-superjur dik il-ħabta, li Louis salva ruħu għax kien iħobb jistudja s-sentenzi tal-'Leħen il-Maħbub', kif Dun Ġorġ kien iħobb isejjaħ is-sentenzi sbieħ li ħarġu mill-fomm ta' Sidna Ġesù.[15]

Dik li x'aktarx kienet l-aħħar żjara ta' San Ġorġ Preca f'Ħal Balzan seħħet f'Diċembru 1958. Dik is-sena, nhar is-7 ta' Diċembru, lejlet il-festa tal-Kunċizzjoni, ġiet imbierka l-grotta tal-Madonna fil-bitħa tal-qasam tas-subien. Dan il-għar tal-ġebel, imżejjen bix-xbihat tal-Madonna u Santa

Bernardetta, sar b'devozzjoni f'għeluq il-mitt sena mid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni bdiet billi Abel Giglio, mill-qasam ta' Birkirkara, wera xi slajds ta' Lourdes, imbagħad Dun Ġorġ, wara li kixef il-għar, bierku u għamel diskors dwar il-'Verġni Mbierka', kif huwa kien iħobb isejjaħ lill-Madonna. Fl-aħħar taċ-ċerimonja, il-Fundatur bierek il-ħelu qabel tqassam lill-preżenti. Għal din l-okkażjoni, minbarra xi mistednin u għadd sabiħ ta' rġiel mill-parroċċa, kienu preżenti wkoll il-kappillan Dun Karm Sciberras, u Dun Spir Sammut.[16]

F'dik l-okkażjoni s-soċju żagħżugħ Carmel Parascandalo xtaq jieħu xi ritratti ta' tifkira. Talab il-permess mingħand is-superjur Victor Delicata, iżda t-tweġiba kienet fin-negattiv. Is-superjur kien jaf kemm il-Fundatur xejn ma kien iħobb juri ruħu jew jidher fir-ritratti. "Jiena obdejt għalkemm kont iddiżappuntat," qalilna Parascandalo. "Meta Dun Ġorġ kien hiereġ mill-qasam flimkien mas-superjur, jiena ġParascandaloħ u xi soċji oħra, is-superjur qal lil Dun Ġorġ : 'Sinjur, dan ried jieħu xi ritratti, imma jiena ma ħallejtux.' Dun Ġorġ irrispondieh : 'Sewwa għamilt, superjur.' Jiena meta smajt ir-risposta ta' Dun Ġorġ kont kuntent li obdejt."[17]



*Il-grotta tal-Madonna fil-bitħa tal-Museum tas-subien. Din twaqqfet fis-sena 1958 f'għeluq il-mitt sena mid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Tbierket minn Dun Ġorġ nhar is-7 ta' Diċembru 1958, ħamsin sena ilu.*

Jista' jkun li f'dik l-istess sena Dun Ġorġ kien żar ukoll il-qasam tal-bniet f'Ħal Balzan. Dak iż-żmien il-qasam kien f'numru 45, Triq it-Tliet Knejjes. Kienu ilhom jużaw dan il-post sa mill-1 ta' Lulju 1951, għalkemm kienu jgħallmu d-duttrina wkoll fil-knejjes iż-żgħar tal-Lunzjata u Santu Rokku, viċin ħafna tal-qasam. Mill-kronaka tal-qasam, taħt is-sena 1958 insibu miktub: "Niftakru li darba kienet il-festa tal-Karmnu u ġie fil-qasam il-Fundatur u tgħidx kemm fraħna bih."[18]

## Il-mewt tas-Serv ta' Alla

Nhar il-Ħamis, is-26 ta' Lulju 1962, il-parroċċa ta' Ħal Balzan ingħaqdet mal-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex f'siegħa adorazzjoni waqt l-agunija ta' Ġorġ Preca, is-saċerdot ta' qalb kbira li ħabb lil Malta, u li Malta ħabbitu. Dun Ġorġ kien wasal fl-aħħar. Lejn tmiem l-*Ora Santa*, qrib it-tmienja neqsin kwart ta' fil-għaxija, huwa għadda għall-ħajja ta' dejjem. Il-membri tal-qasam ta' Ħal Balzan ma naqsux li jieħdu sehem fil-funeral li sarlu s-Sibt ta' wara, it-28 ta' Lulju, fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, fil-Ħamrun, u mbagħad għad-difna fil-kripta tal-kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakuluża, fil-Blata l-Bajda. Barra dan, nhar is-Sibt, il-11 ta' Awissu, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan saret quddiesa solenni *de requie* fis-sebgħa ta' fil-għodu għal ruħ Dun Ġorġ bl-inizjattiva tal-membri tal-qasam. Iċ-ċelebrant ewlieni kien il-kappillan, megħjun minn Dun Ġwann Zammit Hammet u Dun Ġużepp Zammit. Il-kant tmexxa minn kor ta' seminaristi. Fil-quddiesa l-membri ħadu ħsieb iqassmu santi ta' Dun Ġorġ, biex it-tifkira ta' dan il-benefattur kbir ta' pajjiżna żgur li ma tgħibx minn fostna.

## Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Museum f'Ħal Balzan

Fis-sena 1973 il-qasam tas-subien fakkar għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu. Għal din l-okkażjoni tħejja programm li beda b'sajda museumina fuq iz-zuntier tal-knisja, qrib il-post fejn kien twaqqaf għall-ewwel darba l-qasam ħamsin sena qabel. Din is-sajda saret bejn it-18 u t-30 ta' Ġunju. F'wieħed mill-jiem ta' din is-sajda, il-Balzanin kellhom ix-xorti jisimgħu l-vuċi ħajja ta' Dun Ġorġ minn fuq *tape-recorder*. Il-programm kommemorattiv tkompla fil-jiem ta' wara b'diversi attivitajiet li ħadu sehem fihom superjuri u membri tas-Soċjetà, il-ġenituri u t-tfal tal-qasam, il-kappillan u l-kleru tal-parroċċa, kif ukoll l-Isqof Koadjutur Mons. Emanuel Gerada li qaddes fil-kappella tal-qasam. Kien qrib dawn il-festi ċinkwantenarji li żżanżnet il-pittura ta' Dun Ġorġ Preca, xogħol il-kandidat Balzani Raymond Parascandalo,[19] li sal-lum għadha fil-qasam sabiex tfakkar lill-membri u t-tfal f'dan il-benefattur kbir tagħhom.

## Għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Dun Ġorġ

Fit-12 ta' Frar 1980, f'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Dun Ġorġ Preca, is-soċji u l-kandidati

Balzanin ingħaqdu mal-familja kollha Museumina għall-quddiesa ta' tifkira li saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, immexxija minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, akkumpanjat mill-Arċisqof Emeritu Mikiel Gonzi u għadd kbir ta' saċerdoti. Fuq il-livell parrokkjali, il-qasam ħejja programm li jolqot is-setturi kollha tal-parroċċa biex it-tifkira ta' Dun Ġorġ tibqa' fi qlub il-Balzanin.

L-attivitajiet f'Ħal Balzan f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twelid tas-Serv ta' Alla fetħu l-Ħadd, l-4 ta' Mejju, b'quddiesa speċjali għat-tfal fil-knisja parrokkjali. Il-Ġimgħa, id-9 ta' Mejju, saret quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr bis-sehem tas-saċerdoti li kienu membri tal-Museum fil-qasam ta' Ħal Balzan. Din il-quddiesa tmexxiet mill-kappillan, il-Kan. Dun Karm Sciberras, li għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni. Miegħu kkonċelebraw Dun Ġwann Zammit Hammet, Dun Ġwann Dimech, Dun Ġużepp Zammit, il-Kan. Spir Sammut, Dun Tarcisio Delicata, li dak iż-żmien kien il-kappillan ta' Marsaxlokk, Patri Salv Delicata SJ, Patri Lino Cardona SJ, Patri Benoit Micallef SJ, Patri Alessandru Pace OCD, u Patri Eliżew Parascandalo OCD. Il-lezzjonijiet inqraw mis-superjur u s-superjura ta' l-oqsma ta' Ħal Balzan. Tgħid kienet koinċidenza li din il-quddiesa saret sewwasew fil-jum meta, wieħed u għoxrin sena wara, nhar id-9 ta' Mejju 2001, il-Papa Ġwanni Pawlu II ddikjara beatu lil Dun Ġorġ Preca, u ħatar dan il-jum biex ikun il-festa liturġika tal-qaddis tagħna? "Xejn ma jiġri addoċċ," kien iħobb jgħidilna l-Beatu Preca.[20]

Dawn il-festi ċentinarji ġew fi tmiemhom nhar it-30 ta' Mejju bil-korteo ta' kull sena f'ġieħ Ommna Marija. Dan il-korteo, li kien beda bl-inizjattiva tal-Museum tas-subien, ilu jsir f'Ħal Balzan sa mis-sena 1961.[21] Bħas-snin l-imgħoddija, il-korteo beda mill-qasam fi Triq it-Tliet Knejjes. It-tfal u ż-żgħażagħ, subien u bniet, flimkien mal-ġenituri u n-nies tal-parroċċa mxew wara l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, merfugħa mit-tfal tal-qasam, filwaqt li rreċitaw it-talba tar-Rużarju. Hekk kif il-korteo wasal fil-knisja sar programm Marjan b'talb u qari ta' siltiet mill-kitba ta' Dun Ġorġ. Dik is-sena kien tqassam ukoll il-ktieb *Dun Ġorġ 1880-1962* billi s-Soċjetà tal-Museum xtaqet li dan il-ktieb jasal għand kull familja Maltija.

## Żjarat lill-qabar tal-Fundatur

Sa minn meta l-fdalijiet ta' San Ġorġ Preca tqiegħdu fil-kripta tal-kappella fil-Blata l-Bajda dak in-nhar tal-funeral, ġibdu lejhom eluf ta' Maltin u Għawdxin ta' kull età u kondizzjoni, li sabu f'dan il-post oasi ta' faraġ u serħan il-qalb. L-ulied spiritwali ta' Dun Ġorġ – il-membri tas-Soċjetà tal-Museum – qatt ma naqsu li jżuru l-qabar tal-Missier tagħhom kull nhar ta' Erbgħa meta jkollhom il-laqgħa tagħhom fil-Blata l-Bajda. Tul dawn is-snin kollha mill-1962 'l hawn, pellegrinaġġi minn kull parroċċa tal-gżejjer Maltin ġew organizzati regolarment.

Fost żjarat li saru minn Balzanin fuq il-qabar ta' Dun Ġorġ, insibu tnejn marbutin ma' okkażjonijiet speċjali. Nhar id-29 ta' Mejju 1983, bħala parti mill-festi li jfakkru għeluq is-sittin sena mill-bidu tal-Museum f'Ħal Balzan, ġiet organizzata żjara lill-qabar tal-Fundatur fil-Blata l-Bajda. Żjara oħra saret f'Lulju 1987, fl-okkażjoni tat-tmenin sena tas-Soċjetà u l-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tal-Fundatur. Matul il-ġimgħa bejn l-20 u s-26 ta' Lulju ta' dik is-sena saru diversi attivitajiet, fosthom quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali, forum għall-adulti fuq Dun Ġorġ fl-uffiċċju parrokkjali, kif ukoll il-pellegrinaġġ li semmejna. Għal dan il-pellegrinaġġ, minbarra t-tfal il-kbar tal-qasam, kienu mistiedna wkoll il-ġenituri u l-Balzanin devoti ta' Dun Ġorġ. Il-pellegrinaġġ intemm bi programm żgħir fil-kappella tal-Midalja Mirakoluża.

## Il-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ

L-aħbar tal-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, flimkien maż-żewġ Maltin l-oħra ħutna Adeodata Pisani u Nazju Falzon, imliet lill-poplu Malti u Għawdxi b'ferħ li ma bħalu. Kienet ilha l-ħolma ta' dan il-poplu li, wara elfejn sena ta' Kristjaneżmu, issa kien se jkollu tlieta minn uliedu ddikjarati beati mill-Knisja Kattolika. Din il-ġrajja seħħet mill-Papa Ġwanni Pawlu II nhar id-9 ta' Mejju 2001, waqt żjara li l-Qdusija Tiegħu għamel fil-gżira tagħna, it-tieni waħda f'pajjiżna tul il-pontifikat tiegħu.

Bi tħejjija għal din il-ġrajja, il-membri tal-Museum tal-qasam ta' Ħal Balzan, bħall-membri sħabhom fi bliet u rħula oħra, għamlu diversi attivitajiet bil-għan li jressqu lil Dun Ġorġ aktar qrib il-poplu. Sa mill-ewwel xhur ta' dik is-sena f'diversi nħawi tar-raħal twaħħlu *streamers* u *boards* kbar b'sentenzi meħudin mill-kitbiet tal-Fundatur, biex hekk jibqgħu fidili għal dak li kien jemmen hu, li "t-tagħlim tajjeb huwa l-għajn ta' kull ġid." Għall-bidu ta' April, imbagħad, saret esibizzjoni dwar il-ħajja ta' Dun Ġorġ taħt tined li ntramaw apposta fuq iz-zuntier tal-knisja. Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April, saret adorazzjoni fil-knisja parrokkjali b'talb u qari ta' siltiet mill-kitbiet ta' Dun Ġorġ.

Il-qofol ta' l-attivitajiet intlaħaq fil-ġimgħa bejn it-30 t'April u s-7 ta' Mejju, meta l-istess wirja dwar Dun Ġorġ, b'xi żjidiet magħha, reġgħet kienet armata għall-pubbliku fil-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes. Għal din l-esibizzjoni kienu mistiedna t-tfal ta' l-iskola primarja Annibale Preca kif ukoll ta' l-iskola Stella Maris. Il-Ħamis u l-Ħadd ta' dik il-ġimgħa, fis-sala Aurora saru żewġ preżentazzjonijiet awdjoviżivi bit-tema: "Dun Ġorġ

Għalliem tal-Poplu". F'dawn iż-żewġ serati ġew ippreżentati xi *sketches* mibnija fuq aneddoti mill-ħajja tal-Beatu Ġorġ Preca. Saret ukoll quddiesa speċjali ta' l-okkażjoni fil-knisja parrokkjali.[22] Wara l-festa tal-beatifikazzjoni, il-membri museumini ħadu ħsieb iqassmu l-ktieb ta' Dun Ġorġ *Is-Sena tas-Sinjur* lill-familji kollha ta' Ħal Balzan. Dan kien ir-rigal li s-Soċjetà tal-Museum xtaqet toffri lil kull familja Maltija fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tal-Fundatur tagħha.

## Il-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

Mill-beatifikazzjoni għall-kanonizzazzjoni: ħolma li ħadd ma kien jistenna li kellha sseħħ daqshekk malajr! Nhar it-Tlieta, id-9 ta' Jannar 2007, il-kardinali u l-isqfijiet membri tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin approvaw il-miraklu li kellu jwassal biex il-Beatu Ġorġ Preca jiġi kanonizzat. Din l-aħbar ngħatat mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta l-għada l-Erbgħa, l-10 ta' Jannar, permezz ta' dikjarazzjoni li nqrat lill-membri taż-żewġ sezzjonijiet tas-Soċjetà tal-MUSEUM waqt il-laqgħa ġenerali tagħhom li dak in-nhar saret fis-sala tas-Seminarju, Tal-Virtù, ir-Rabat. Lanqas kienu laħqu għaddew seba' ġimgħat minn din id-data meta, nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, waqt konċistorju mmexxi mill-Papa Benedittu XVI, tħabbar li Dun Ġorġ, flimkien ma' tliet beati oħra, kien se jiġi kanonizzat fil-Vatikan nhar il-Ħadd, it-3 ta' Ġunju. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona ordna li, fil-jum tal-konċistorju, fil-knejjes kollha tindaqq mota ta' kwarta f'nofsinhar, u li fil-għaxija jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes. Huwa ta wkoll permess lis-saċerdoti biex dak in-nhar ikunu jistgħu jqaddsu l-quddiesa votiva tal-Beatu Ġorġ Preca li tintuża fil-memorja liturġika tad-9 ta' Mejju.



*Uħud mill-membri tal-Museum ta' Ħal Balzan li kollhom entużjażmu telgħu Ruma għall-kanonizzazzjoni tal-Fundatur.*

Sa mit-tħabbir tad-data tal-kanonizzazzjoni, is-Soċjetà flimkien ma' l-Arċidjoċesi bdew it-tħejjijiet sabiex din l-okkażjoni mhux biss tirnexxi imma wkoll isservi ta' l-akbar ġid spiritwali għan-nies ta' dawn il-gżejjer. Il-membri tal-qasam ta' Ħal Balzan kellhom sehem attiv ħafna fil-preparazzjoni għall-kanonizzazzjoni, l-aktar billi kienu involuti fit-tħejjija ta' *database* tal-membri kollha – madwar 450 – li xtaqu jitilgħu Ruma għall-kanonizzazzjoni. Mill-qasam ta' Ħal Balzan telgħu l-membri kollha u ħafna mill-kandidati, li għalihom kienet esperjenza spiritwali sabiħa.

Fil-ftit ġimgħat li kien baqa' qabel il-kanonizzazzjoni saru attivitajiet fil-parroċċa biex il-Balzanin jitħejjew kif jixraq għal din l-okkażjoni kbira fl-istorja tal-poplu tagħna. Nhar it-2 ta' Marzu l-parroċċa ta' Ħal Balzan u dik ta' l-Iklin organizzaw pellegrinaġġ għall-kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, fejn kien tqiegħed il-fdal tal-Beatu Ġorġ Preca wara l-eżumazzjoni tiegħu. Għal dan il-pellegrinaġġ attendew mal-150 ruħ miż-żewġ parroċċi, fosthom ħafna ġenituri tat-tfal u devoti ta' Dun Ġorġ. Wara preżentazzjoni awdjoviżiva dwar il-Beatu Preca, il-pellegrini kellhom l-opportunità jgħaddu ftit ħin ta' skiet u talb personali quddiem il-fdalijiet tal-qaddis.

Il-qofol tat-tħejjijiet għall-kanonizzazzjoni ntlaħaq fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju, qrib il-festa ta' Dun Ġorġ. Nhar is-Sibt, il-5 ta' Mejju, il-korp sant tal-Beatu nħareġ mis-sarkofagu tiegħu u tqiegħed għall-qima tal-poplu fl-awditorju tad-Dar Ġenerali fil-Blata l-Bajda. Fit-tlett ijiem ta' wara, mis-6 sat-8 ta' Mejju, din is-sala ewlenija fil-Blata l-Bajda nbidlet f'oasi ta' skiet u ġabra, tnehid il-qalb u talb ħerqan lil Alla bl-interċessjoni ta' dan il-Malti ħuna, li ftit jiem wara kellu jitgħolla għad-dinjità ta' l-artali. Tul dawk il-jiem ħafna Balzanin ingħaqdu ma' l-eluf ta' Maltin u Għawdxin li resqu bi ħġarhom lejn il-korp sant ta' Dun Ġorġ u b'hekk urew kemm il-poplu ta' dawn il-gżejjer għadu jgħożż f'qalbu lil dan is-saċerdot. Kien hemm Balzanin ukoll li attendew għall-quddiesa konċelebrata, immexxija minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, li saret l-għada, id-9 ta' Mejju, il-festa liturġika tal-Beatu Ġorġ Preca.

Din il-festa kienet iċċelebrata wkoll fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. F'Ħal Balzan il-quddiesa ta' fil-għaxija nhar id-9 ta' Mejju kienet waħda speċjali, bis-sehem ta' ħafna Balzanin u ġenituri, kif ukoll tal-membri ta' l-għaqdiet u tal-kunsill pastorali parrokkjali. Wara l-quddiesa sar riċeviment ta' l-okkażjoni fil-qasam tal-Museum tas-subien. Iżda l-kbir kien għadu ġej! Il-mistennija kompliet tikber sal-jum tat-3 ta' Ġunju, is-Solennità tat-Trinità Qaddisa, meta l-Maltin u l-Għawdxin kollha kellna x-xorti naraw lil Dun Ġorġ tagħna jiġi dikjarat qaddis fi Pjazza San Pietru mill-Q.T. l-Papa Benedittu XVI.

Min kellu jgħidilhom lil missirijietna li dak is-saċerdot qaddis u twajjeb, fraġli u marradi, li mitt



*L-awtur ta' dawn it-tifkiriet fi Pjazza San Pietru, it-Tnejn, l-4 ta' Ġunju 2007, l-għada tal-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca.*

sena ilu waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, u li terraq mat-toroq tal-bliet u r-rħula tagħna, fosthom ir-raħal tagħna ta' Ħal Balzan, jgħallem u jfarraġ, kellu jsib postu fil-lista tal-qaddisin kanonizzati tal-Knisja Kattolika! Min kellu jgħidilna li għad nisimgħu b'widnejna stess, bl-ilsien ħlejju ta' din l-art ħelwa tagħna, lill-Papa jlissen il-kelmiet: "Maħbubin ħuti fi Kristu Maltin u Għawdxin, il-paċi magħkom. San Ġorġ Preca huwa l-ewwel iben kanonizzat ta' l-art ħelwa tagħkom. Huwa t-tieni missier tagħkom fil-fidi wara l-Appostlu San Pawl. Huwa jitlob dejjem għalikom biex tkunu tassew ħbieb ta' l-Evanġelju. San Ġorġ Preca, itlob għalina!" Inroddu ħajr lil Alla!

*Noti u referenzi*

[1] Ara Ġorġ Borg, *Dun Ġorġ, ġrajjiet minn ħajtu* (Malta: Pubblikazzjoni Librerija Preca, 2001), pp.31-32. Lil Ġorġ Borg dan l-episodju rrakkontahulu Spiru Sammut innifsu (ara p.108). Aktar tard Sammut sar soċju u superjur tal-qasam ta' Ħal Balzan sakemm daħal is-seminarju biex sar qassis.

[2] Il-ġrajja tal-Museum tas-subien f'Ħal Balzan kont ktibtha f'għeluq il-50 sena mill-ftuħ ta' l-ewwel qasam museumin fil-parroċċa. Ġiet ippubblikata f'erba' taqsimiet tul l-1973 fil-gazzetta *Ħal Balzan*, li kienet toħroġ kull xahrejn mill-Kunsill Ċiviku. Din l-istorja, bl-isem "Wirt Dun Ġorġ f'Ħal Balzan," hija fil-qofol tagħha mibnija fuq tagħrif meħud mill-atti tal-qasam, li jibdew minn Lulju 1947, għalkemm fil-ftuħ tar-reġistru nsibu d-data tas-26 ta' Mejju 1952. Għas-snin bikrija kelli nirrikorri għat-tifkiriet ħajja ta' nies li għexu din il-ġrajja u li dak iż-żmien kienu għadhom ħajjin. Fost il-Balzanin li għenuni bit-tagħrif li tawni dwar il-bidu tal-Museum f'Ħal Balzan insemmi lill-Kan. Spir Sammut, Ġużeppi Asciak, Kalċidon Mallia, Valentino Muscat, u Karlu Zarb. Ma' dawn ma nistax ma nsemmix ukoll lill-Kan. Ġwann Micallef u lis-soċju Mikiel Agius, it-tnejn minn Birkirkara. Dawn il-persuni kollha llum m'għadhomx magħna.

[3] Ara Carmel Bezzina, "Wirt Dun Ġorġ f'Ħal Balzan," Taqsima I, *Ħal Balzan*, Nru 9, Jannar/Frar 1973, p.4.

[4] *Ibid.*, Taqsima III, *Ħal Balzan*, Nru 11, Mejju/Ġunju 1973, p.4.

[5] *Ibid.*, Taqsima II, *Ħal Balzan*, Nru 10, Marzu/April 1973, p.4.

[6] Dun Ġorġ baqa' f'kuntatt ma' Duminka anke meta kienet rikoverata fir-residenza San Vinċenz. F'ittra li kitbilha, indirizzata lilha fl-Ingieret (Sala 11) nhar l-4 ta' Novembru 1952, huwa jgħidilha li xtaq imur jaraha biex "noqogħdu nitħaddtu xi ftit fuq Alla l-imbierek, iżda saqajja ma jifilħux, u hawn il-bogħod." Jirrikkmandalha li tirrassenja ruħha mal-volontà ta' Alla, u jaċċertaha li kuljum fil-quddiesa jitlob għaliha u għal ħuha Ġanni sabiex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem. Jikkonkludi l-ittra tiegħu hekk: "Itlob għal min jaħqrek, biex Alla jaħfer lilek u tmur il-ġenna wara mewtek. Inselli għalik u nbierkek." L-ittra hija ffirmata: *Sac. Giorgio Preca.*

[7] Annunzjata (Lonza) Sammut tiġi oħt Dun Spir Sammut. Mietet fis-17 ta' Awissu 1995. Ħajr lill-avukat Joseph Sammut, in-neputi ta' Dun Spir u Lonza, tat-tagħrif li tani u tal-kopja ta' l-ittra ta' Dun Ġorġ lil Duminka Fenech. Dr Sammut għamel snin twal fis-Soċjetà tal-Museum u serva f'diversi karigi, fosthom anke fl-eżekuttiv reġjonali.

[8] Ara l-iStorja tal-Qasam (Sezzjoni Femminili), Ħal Balzan, Ktieb 1 (1930-2005), miktub bl-idejn, bil-paġni m'humiex enumerati.

[9] Fost ir-refuġjati li ġew Ħal Balzan mill-Kottonera nsibu lis-Superjur Ġenerali Ewġenju Borg flimkien ma' oħtu Ġorġina. Kienu joqogħdu f'dar fit-Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Franġisk, dar li l-lum iġġib in-numru 252. Nhar il-11 ta' Lulju 1942 din id-dar intlaqtet minn bomba mitfugħa minn *bomber* ta' l-għadu. Din id-diżgrazzja ħasdet il-ħajja ta' Ġorġina, oħt Ewġenju, filwaqt li tlieta min-neputijiet tiegħu kellhom jittieħdu l-isptar. Ara Ġorġ Borg, *Ewġenju Borg P.E.P. 1886-1967* (Malta: Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, MUSEUM, 1986), p.61.

[10] Ara r-Reġistru ta' l-Atti tal-Qasam Nru XX (Sezzjoni Maskili), Ħal Balzan, miktub bl-idejn, bil-paġni m'humiex enumerati.

[11] Tagħrif mgħoddi lill-awtur minn Carmel Parascandalo nnifsu (19 ta' Jannar 2008). Il-familja Parascandalo kienu ġew refuġjati fil-gwerra minn Bormla, u t-tfal bdew jattendu għad-duttrina fil-qasam ta' Ħal Balzan. Il-baqar li jissemmew kienu ta' l-aħwa Mizzi, imlaqqmin ta' Sajrunies, li kienu jrabbu l-mogħoż u n-ngħaġ u anke xi baqar fir-razzett tagħhom fil-wied ta' Ħal Balzan, tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Museum.

[12] Minn ittra ta' Ġorġ Borg lill-awtur datata t-28 ta' Jannar 2008.

[13] Ara Ġorġ Borg, *Dun Ġorġ, ġrajjiet ġodda* (Malta: Pubblikazzjoni Librerija Preca, 2005), p.71. Dan l-episodju rrakkontah lil Ġorġ Borg Joseph A. Grech innifsu (ara p.92). Dun Joseph Angelo Grech twieled Ħal Balzan fl-1948. Kienu joqogħdu fit-Triq il-Kbira, fid-dar li llum iġġib in-numru 56, qrib Sqaq Numru 1. Fi tfulitu kien jattendi l-Museum ta' Ħal Balzan. Studja l-Liċeo u s-Seminarju. Fl-1970 mar Melbourne, l-Awstralja, jistudja t-teoloġija. Ġie ordnat saċerdot nhar it-30 ta' Novembru 1974 mill-Isqof Awżiljarju Mons. Ġużeppi Mercieca fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħatru isqof. Illum Mons. Grech huwa l-isqof ta' Sandhurst, fl-arċidjoċesi ta' Melbourne.

[14] Louis Grech, bin Joseph u Maria, xebba Zammit, twieled nhar it-23 ta' Awissu 1941 u tgħammed dak in-nhar stess. Kien iż-żgħir fil-familja, b'ħames aħwa, żewġt ibniet u tliet subien, ikbar minnu. Miet ta' tnax-il sena u ftit xhur nhar it-3 ta' April 1954, fil-5.00 p.m. Il-funeral tiegħu sar l-għada l-Ħadd, l-4 ta' April. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, fil-qabar numru 76.

[15] Ara C. Bezzina, *op.cit.*, Taqsima IV, *Ħal Balzan*, Nru 12, Lulju/Awissu 1973, p.4. Ara wkoll Ġ. Borg, *Dun Ġorġ, ġrajjiet minn ħajtu*, *op.cit.*, pp.20-21.

[16] Ara r-Reġistru ta' l-Atti tal-Qasam Nru XX (Sezzjoni Maskili), Ħal Balzan, *op.cit.*

[17] Tagħrif mogħti lill-awtur minn Carmel Parascandalo nnifsu (19 ta' Jannar 2008).

18 Ara l-iStorja tal-Qasam (Sezzjoni Femminili), Ħal Balzan, Ktieb 1 (1930-2005), *op.cit.*

19 Raymond Parascandalo qatta' t-tfulija u ħafna mis-snin taż-żgħożija tiegħu fil-Museum ta' Ħal Balzan. Aktar tard studja l-mediċina u speċjalizza fil-pedjatrija. Illum Dr Parascandalo huwa speċjalista ewlieni f'pajjiżna fil-kura tal-mard tat-tfal.

20 Fost attivitajiet oħra, saret laqgħa għas-sorijiet tat-tliet kunventi li għandna f'Ħal Balzan: is-sorijiet tal-Bon Pastur, dawk tal-Karità, u l-Franġiskani Missjunarji ta' Marija. Għal din il-laqgħa, li saret nhar it-Tlieta, is-6 ta' Mejju, attendew madwar 45 soru mit-tliet komunitajiet. Il-laqgħa bdiet b'talb ta' Dun Ġorġ, inqrat paġna mill-ktieb tiegħu *L-Abbandun Totali*, u mbagħad John Formosa, li dak iż-żmien kien is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, tkellem dwar "Dun Ġorġ, bniedem ta' l-orazzjoni". Wara li nstama' *recording* tal-Fundatur, saret talba lill-Madonna mill-kitba tiegħu. Saret ukoll laqgħa speċjali għaż-żgħażagħ fil-kappella tal-Museum nhar is-Sibt, l-10 ta' Mejju. Il-Ħamis ta' wara, il-15 tax-xahar, saret siegħa adorazzjoni fil-knisja parrokkjali, li għaliha attendew it-tfal kollha flimkien ma' għadd sabiħ ta' ġenituri u nies oħra mill-parroċċa. Il-qari, meħud kollu mill-kitba tal-Fundatur, sar mis-soċji rġiel u nisa ta' l-oqsma tar-raħal. Il-Ħamis, it-22 tax-xahar, saret laqgħa għall-imseħbin tal-każini minn Victor Delicata, li kien l-Assistent Superjur Ġenerali. L-għada l-Ġimgħa, il-Balzanin kollha kienu mistednin għal laqgħa fis-sala parrokkjali Aurora. Il-Primarju tas-Soċjetà, Francesco Camilleri, illum mejjet, tkellem dwar "Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu" u wera xi slajds dwar ħajjet il-Fundatur.

21 Ara r-Reġistru ta' l-Atti tal-Qasam Nru XX (Sezzjoni Maskili), Ħal Balzan, *op.cit.*

22 Ħafna minn dawn l-attivitajiet saru wkoll fl-Iklin, billi fil-qasam tal-Museum ta' Ħal Balzan jattendu wkoll tfal minn din il-parroċċa ġdida.